# ŻMIEN ĦELU TAL - PASSAT

Paul Portelli

Ili żmien inħares lejn il-passat, u għadu stampat f'moħħi. Għalkemm hu żmien passat, ma ninsih qatt, u ħalla tant memorji li għadnmi ngħożżhom, meta nagħmel paragun bejn żmien tfuliti u ż-żmien ta' llum. Nara baħar jaqsam ta' differenza. Illum it-tfal għandhom minn kollox, u ħafna minnhom mhumiex kuntenti, u aħna konna ngħaddu ħajja sempliċi ta' dixxiplina u ubbidjenza lejn il-ġenituri u superjuri tagħna.

Xi ħamsin jew sittin sena ilu, il-Belt Valletta kienet bħal familja waħda. Jien twelidt fi Strada San Nicola. Dażżmien xejn ma tixbaħ kif kienet...dik il-parti ta' quddiem ittwieqi tal-kunvent tad-Dumnikani. Kont bilkemm għadni nilħaq mal-gallarija, il-patrijiet kienu jsejħuli u jgħiduli xi ħaġa. Billi missieri kien magħruf sewwa magħhom, partitarju Dumnikan pessmu, u minnhom kellu ħafna ħbieb, anki xi tofija ġie li waddbuli.

Sewwasew quddiemna kien hemm in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju. Kont nara wieħed mill-ġirien jitla' kuljum fuq sellum, inaddaf il-ħġieġ tan-niċċa, jixgħel u jpoġġi l-fjuri quddiemha. Ftit aktar il-fuq kien hemm statwa ta' San Duminku, li fil-festa kienet tiżżejjen bil-karti u fjuri sofor u ħomor. Dawn in-niċeċ għadhom hemm sa llum. Ħafna min-niċeċ kienu jixgħeluhom bil-lumini. Dawn kienu tazza mimlija nofsha ilma u nofsha żejt li jitla' fil-wiċċ, u l-lumina kienet tkun biċċa miċċa bejn tliet biċċiet sufri. Kienu ukoll jużaw ix-xemgħa tal-pakketti.

Fuq il-bitħa ta' ġewwa, kellna gallarija tal-ħadid mikxufa, tagħti għall bitħa ta' taħtna. Kellhom fekruna ta' taħtna, u kont indum is-siegħet inħares lejha, iddaħħal u toħroġ rasha għall kull ħoss li tisma'. Xi erba' bibien il-fuq minnha, kien hemm ċertu Kelinu tal-Pitrolju; kellu kantina mnejn ibiegħ il-pitrolju u l-faħam. Kien għad hawn ħafna familji jsajru fuq il-kenur. Għall-faħam kienu jġibu ġewlaq jew basket taċ-ċarruta li kienu jużaw għalhekk biss. Kelinu kien qsajjar, ċajtier, bil-berritta u s-sidrija, bil-qorq u mustaċċi rqaq; kellu wiċċu u idejh suwed qisu tork. Il-pitrolju kienu jiġu jixtruh ġo xi landa, u ukoll fil-fliexken; mhux l-ewwel darba li xi tarbija spiċċat ħażin għax xorbot il-pitrolju li fil-flixkun tkun ħasbitu ħaġ'oħra. Kelinu kien il-ħin kollu tiela' u nieżel inewwel. Kellu kanarin imdendel f'gaġġa ma' grampun; kont ngħidlu jagħtihuli, u dejjem jgħidli ...La jitwallu denbu.

Mal-faċċata l-oħra kienu joqogħdu żewġ familji li kienu joħorġuni magħhom. Waħda, fejn l-omm kienet dejjem fuq siġġu ħdejn il-bieb. Dawn kienu jqattgħu ħajjithom hekk, il-knisja u d-dar. Kull bieb kien ikollu grada ta' l-injam, jew jekk tkun tal-benestanti tal-ħadid elaborat. Din kienet ġeneralment tinqala' u jdaħħluha ġewwa meta jagħlqu l-bieb filgħaxija. L-omm kellha żewġ bniet u tnejn oħra subien. Kienet tara minn għajn waħda; dak iż-żmien ma kienx hawn il-kura ta' issa, u kont tara bosta mankamenti. Waħda mix-xebbiet, Mimi', kienet ħajjata prima, l-oħra, Pawla, kienet iddoqq biċċiet popolari fuq il-pjanu li kienu jogħoġbuni, bħal "O Sole Mio", "Santa Lucia", u oħrajn.

Il-familja l-oħra kienet l-omm, bintha Mary li kienet ħajjata, Rose li kienet tieħu ħsieb id-dar u x-xiri, u l-ġuvintur Victor u Romeo. Dan ta' l-aħħar kien dilettant tal-mandolina, u xi drabi kien jgħallimni ndoqqha. Kellu gramofon qisu kabinett, bi tromba enormi u fejn terfa' d-diski taħt; kellu kaxxa tal-landa fejn iżomm il-labar li kienu jdoqqu d-diska, li kellha stampa ta' kelb jissemma' ġo gramofon.

Mill-Barrakka ta' Fuq, kont nara, filgħaxija, numru kbir ta' fregati tal-gwerra mixgħulin. Kont tisma' tisfira li kienu jsaffru l-baħrin. Il-gallariji tal-fregati il-*crow's nest*, kienu jkunu fil-għoli ħafna, aktar mill-għola sur. Ukoll għadu stampat f'moħħi il-logħob tas-*searchlights*, u xi drabi il-baned ta' abbord. Trid timmaġina dawk il-vapuri tar-rmonk, iħallu warajhom dik ir-rimja fil-baħar kalm, miżbugħin ħomor u bojod. Kont tisma' ukoll il-ħsejjes tal-magni u l-muturi. Barra minn dan, wieħed ma jistgħax ma jsemmix il-muvimenti l-oħra, bħal vapuri tal-merkanzija li kienu isorġu taħt is-sur ta' Santa Barbara, u d-dgħajes u l-laneċ... Tal-karrozzini u tad-dgħajes ukoll kienu jaqalgħu l-għixien tagħhom tajjeb, ġejjin u sejrin bejn il-Belt u l-Kottonera...erħilhom jgħajtu...."*Cabby Sir!*"..."*Dgħajsa Sir!*" Kuljum filgħaxija kont nara in *Knight of Malta* għaddej, mixgħul, imur Sqallija. Kienu xeni u ħsejjes li jattiraw l-attenzjoni ta' wieħed ċkejken bħali, u għadhom f'moħħi qishom, il-bieraħ.

U xi ngħidu għall-*lifts*...wieħed tiela' u l-ieħor nieżel. L-art proprja għall-lift kienet magħmula bħal speċi ta' palk ta' l-injam, speċi ta' pont. Kont nara x-xquq ta' bejn l-injam, u minn dak l-għoli tgħidx kemm kont nibża'....il-karrozzi u l-karrozzini hemm isfel kienu jidhru qishom *Dinky Toys*. Il-lift bilkemm kien ikun għadu waqaf fuq, li l-baħrin ma jaqbżux minn fuqu biex joħorġu jiġru minnu. Kellu żewġ riklami kbar in-naħa li tagħti għat-triq il-ġdida; wieħed *The Times of Malta* u ieħor *Il-Berqa*. Fuq is-saqaf kien hemm bħal *missen hut* b'sel-lum tal-ħadid, biex l-impjegati jistgħu jitilgħu u jinżlu. Il-biljett kien jiswa sold. Taħt il-lift konna ngħidulu ż-żigużajg. Fil-Barrakka kien ikun hemm tfal jilgħabu ħarba jew il-passju, jew idawru ċirku kbir billi jagħtuh daqqa ta' njama, minbarra xi ftit namrati fl-irkejjen...u l-anzjani jitkażaw bihom...mur ġibhom illum x'kienu jgħidu! Kien ikun hemm min ibiegħ iċ-ċiċri, ful u karawett, iżomm qoffa bil-għalaq. Oħrajn kienu joqogħdu idawru l-klieb.

Taħt il-gallarija tal-ħadid tal-Barrakka ta' Fuq, kont tilmaħ xi nofs tużżana kanuni, u bejniethom munzell balal, boċċi tal-ħadid, irranġati bħal piramida. Din kienet is-*Saluting Battery*, kif kien hemm ukoll miktub bl-iswed fuq l-abjad fuq il-ħajt. Kont tara wkoll min jieħu r-ritratti, u jiżvilupphom dak il-ħin stess. Il-kamera kienet tkun tal-injam, kwadrata, tistrieħ fuq tripied. Kien ikollu bħal purtiera sewda biex idaħħal rasu taħtha, u kien jgħid lill-klijenti, *one, two, three,* u mat-*three* tiċċaqalqux. Għad hemm il-kjosk bis-siġġijiet u l-im-wejjed tal-ħadid, barra, fejn wieħed kien jista' jieħu ruġġata, ġelat jew *orange crush*.

Dak iż-żmien kienet ħaġa komuni tara tabelli tal-kar-tun, fuq il-bibien tad-djar .."*Si Loca*" jew "*To Let*", speċjalment

għall-villeġġatura. Missieri kien jikrilna post għas-sajf f'Tas-Sliema, li għadu jeżisti sa Hum ħdejn il-Plaza Regency Hotel. Eżatt kif taqsam it-triq, kien hemm famHja jagħralu l-iroqaret, jaqsmulek qalbek bir-riħa. Taħthora eżatt kien jefcisti razzett b'ħafna qasab, tassew ħelu u pittoresk. Dan iHumi spiċċa, minħabba li hawn sarugnien u *playground;* hawn ins ibuh bħala *l-Exiles.* Niftakar kif wasalna f'dan il-post ta' villeġġatura, lil ħija ż-żgħir Vince, serrħuh ma siġġu wieqaf sakemm jisbarazzaw, u telaq jimxi waħdu! Dak ifc-żroien kienet ħaġa ta' ferħ meta tarbija titlaq timxi, u skantaw; iz-zija Karmena qalet "Għad jitwieldu jitkelmui". Hawn filgħaxija konna noħorġu passiġġata għall-frisk kif kienu jagħmlu ħafna familji oħrajn.

Fil-Hdud, missieri kien jeħodna għand Vitor tal-Veċċa, f' San Pawl il-Baħar, għax kienet magħrufa gTiall fniek u spagetti tajbin. Lili l-inbid kienu jħalltuhuli *shandy* mal-luminata. Dak iż-żmien il-baħar kien kollu ċar daqs il-krisrtall. It-triq li tiehu għax-Xemxija u l-Armier kienet dejqa ħafna, bilkemm tgħaddi xarabank ta'Hum. Filgħaxija kien jitla raġel mal-fanali tal-pitrolju jew żejt, bis-sellurn, u jixghel id-dwal, ghax f'dawk l-inħawi l-elettriku kien għadu ma wasalx. Wara l-ikel, meta nmorru nistrieħu, Vitor kienet tippompja l-isprej tal-Flit kontra d-dubbien, u tagħlaq il-kamra biex dawn imutu. Biex tisprejja kien ikolla landa ċilindru twil bil-bott ieħor irowaħħal miegħu li jimlewh bil-velenu, u fuqu kellu stampa ta* dubbiena. Għal-lum nieqfu hawn u nkomplu darb' oħra

**Nota Ta' Apprezzament**

Is-Sur Paul Portelli temili il-kitba tieghu: "....u nkomplu darb oħra " Iżda d-destin kiefer ried li din id-darb'oħra mhix se tasal. Is-Sur Portelli, li kien ukoll membru attiv tal-kumitat tal-Għaqda tal-Folklor roiet fil- 5 ta Ottubru 1994. Rappreżentanti tal-kumitat taghna, waqt xita torrenzjali, marru jassistu għall-quddiesa u wkoll fiċ-ċimiterju. Paul kien sikwit jikteb fl-Imnara dwar l-esperjenzi tieghu ta' l-imgħoddi u jipparteċipa f*wirjiet. Minbarra li n&$ntu l-kondoljanzi tagħna lill familja tieghu, niftakru fih ukoll fit-talb tagħna. R.I.P.